**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Peter Mario Gatt

vs

Tablets and More

CCT 136/2017

18 ta' Dicembru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fl-14 ta' Awwissu 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €570.00, prezz ta' mobile mixtri minghand l-azjenda intimata, liema mobile kellu diffett li minhabba fih ma setax jintuza.

Ra r-riposta tal-azjenda intimata fejn dina qalet illi l-hsara fil-mobile kienet konsegwenza ta' *rooting* u ghalhekk dana anulla l-garanzija moghtija.

Ra l-atti tal-process.

Sema x-xhieda.

Ikkunsidra

Illi jidher li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-valur tal-mobile u l-fatt li gie mixtri mill-azjenda intimata. Il-kontestazzjoni qieghda fuq it-tip ta' hsara illi kien affett dan il-mobile. Ir-rikorrent ighid illi l-mobile kellu difett latenti waqt illi Daniel Cachia ghall-azjenda intimata ighid illi l-hsara kien konsegwenza ta' *rooting* u ghalhekk ma setax jissewwa taht il-garanzija.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ighid illi huwa xtara l-mobile fl-20 ta' Awwissu 2016 ghal prezz ta' hames mija u sebghin Euro. Tlett xhur wara il-mobile "friza" u hadu ghand l-azjenda intimata ghat-tiswija. Il-mobile nghata lura u ghal xi zmien iffunzjona tajjeb, pero fi Frar 2017 rega' zviluppa l-istess problema u dam ghand l-azjenda intimata xahar u nofs peress li din id-

darba l-azjenda intimata baghtet il-mobile ghand Samsung Italja sabiex jissewwa. Skond l-azjenda intimata Samsung Italja qalu illi s-software kien intbaghbas u ghalhekk ma setax jissewwa taht it-termini tal-garanzija. Ir-rikorrent issuggerixxa illi jiehu IPhone u jhallas id-differenza pero' l-azjenda intimata irrifjutat. Ir-rikorrent ma giex moghti informazzjoni dwar it-tip ta' intervent li sar l-ewwel darba minghand l-azjenda intimata.

Daniel Cachia, in rapprezentanza tal-azjenda intimata jibda biex jikkonferma l-versjoni tar-rikorrenti. Din id-darba pero jaghti aktar informazzjoni dwar it-tip ta' intervent illi jghid illi sar. Skond Cachia l-ewwel darba, f'Novembru 2016, sarlu reset ta' l-applications u r-rikorrent gie migbud l-attenzjoni biex joqghod attent liema applications inizzel fuq il-mobile. Meta gie t-tieni darba bl-istess problema l-mobile nghata lit-technician li pero din id-darba ma hallihx jirrisettja l-applications u kellhom jibghatuh ghand Samsung Italja ghat-tiswija. Dan gie lura bir-rapport illi l-garanzija ma kellhiex tghodd iktar peress illi l-mobile gie *rooted,* u cjoe' li s-software kien imbaghbas. Cachia attribwixxa dan l-operat lir-rikorrent u ghalhekk irrifjuta illi jilqa' t-talba tieghu ghat-tiswija jew inkella xiri mill-gdid ta' mobile iehor bir-rikorrent ihallas id-differenza.

Ikkunsidra

Illi skond dawn ir-rizultanzi processwali jidher illi dan il-mobile intbaghat ghat-tiswija darbtejn fit-terminu tal-garanzija u d-darbtejn kienu ghand l-azjenda intimata, bit-tieni darba ghand Samsung l-Italja fuq struzzjonijiet tal-istess azjenda intimata. Ma rrizulta l-ebda prova illi dan il-mobile gie sottomess ghal xi intervent minghand terzi. Kienet dejjem l-azjenda intimata illi hadet responsabbilta' ghat-tiswija. Dan ifisser kwindi illi jekk sar xi *rooting,* dan sar waqt l-ewwel intervent meta' sar reset tal-applications. Dan jikkorobora l-email ta' Matthew Chetcuti mill-MCCA lir-rikorrenit (Dok PMG) fejn qed jispjegalu l-versjoni ta' Daniel Cachia x'kienet.

Hu x'inhu, jibqa l-fatt illi dan il-mobile saritlu hsara fit-termini tal-garanzija u ma hemm l-edba prova illi r-rikorrent seta' ghamel xi haga biex ikomprometta t-termini tal-garanzija. Anzi il-probabbilta' hi, illi l-hsara li kienet tezisti fil-bidu giet accentwata b'xi intervent li seta' sar meta l-mobile kien fil-pussess tal-azjenda intimata.

Ghal dak illi huwa d-danni, kif gja inghad ma hemmx kontestazzjoni dwar il-valur tal-mobile. Pero' tajjeb jew hazin, il-mobile kienet qed jintuza ghal xi zmien u ghalhekk il-valur tieghu, zgur li ma baqax dak originarjament mixtri. U biex issir gustizzja ser inaqqas l-ammont mitlub *arbitrio bono viri,* biex jirifletti ahjar il-valur tal-mobile bhala wiehed *secondo man.*

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-azjenda intimata illi tirrifondi lir-rikorrent l-ammont ta' 400 Euro bi dritt tal-azjenda intimata li tiehu lura l-mobile in kwistjoni. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**